

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 14.3.2011
KUMM(2011) 115 finali

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li taħtar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2015 fir-Repubblika Ċeka

MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni tal-Komunità għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019¹, tistipula l-proċedura tal-ħatra tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura. Skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, mill-2009 'l quddiem, żewġ ibliet ta' żewġ Stati Membri se jkunu maħtura bħala Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura, skont min imissu, fl-ordni kronoloġika stipulata fl-Anness tad-Deċiżjoni. Il-Belġju u r-Repubblika Ċeka huma intitolati li jospitaw l-avveniment fl-2015.

In-nomina għall-Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura li tikkonċerna s-sena 2015 hija sottomessa għall-proċess li ġej.

Sejħa għat-tressiq tal-applikazzjonijiet se tiġi ppubblikata minn kull Stat Membru kkonċernat mhux aktar tard minn sitt snin qabel l-avveniment. Bord tal-għażla kompost minn 13-il espert indipendenti fis-settur kulturali se jiltaqa' għal laqgħa qabel issir l-għażla mhux aktar tard minn ħames snin qabel l-avveniment. Dan jivvaluta l-applikazzjonijiet li jirċievi skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE u jaqbel fuq lista mqassra ta' bliet kandidati li għandhom ikomplu jitqiesu wara li titlesta l-applikazzjoni tagħhom.

Kull Stat Membru kkonċernat ilaqqja' l-bord tal-għażla finali, disa' xhur wara l-laqqgħa ta' qabel l-għażla. Wara valutazzjoni estensiva tal-bliet magħżula minn qabel, ibbażata fuq il-kriterji stipulati għall-azzjoni, il-bord jirrakkomanda belt waħda għat-titolu f'kull Stat Membru kkonċernat.

Abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, iż-żewġ Stati Membri jinnominaw belt kull wieħed biex kull waħda tkun Kapitali Ewropea tal-Kultura u jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni mhux aktar tard minn erba' snin qabel ma jibda l-avveniment inkwistjoni.

Il-Parlament Ewropew jista' jressaq opinjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jaslu n-nominazzjonijiet.

Il-Kunsill, huwa u jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jaħtar b'mod uffiċjali lill-bliet inkwistjoni għas-sena li għaliha ġew innominati.

Fir-Repubblika Ċeka ntlaqgħu tliet applikazzjonijiet għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura: Hradec Králové, Ostrava u Plzeň.

Fl-aħħar tal-proċedura tal-għażla f'żewġ stadji, il-proġett ta' Plzeň ġie ġġudikat bħala dak li jilħaq l-aħjar l-għanijiet u l-kriterji tal-avveniment kif spjegat fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE.

Għaldaqstant, fir-rapport tiegħu ta' Settembru 2010, il-bord irrakkomanda li Plzeň tospita l-avveniment fir-Repubblika Ċeka fl-2015. Ir-Repubblika Ċeka nnotifikat b'dawn in-nominazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni sa tmiem l-2010.

¹ ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1

Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni favorevoli tiegħu lill-Kummissjoni fil-bidu ta' Jannar 2011.

Il-proċess tal-għażla fil-Belġju ġie ffinalizzat fir-rebbiegħa tal-2010 u l-ħatra ta' Mons saret f'Novembru 2010.

Konsegwentament, il-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE qed tressaq lill-Kunsill ir-rakkomandazzjoni meħmuża għall-ħatra uffiċjali ta' Plzeň għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2015 fir-Repubblika Ċeka.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li taħtar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2015 fir-Repubblika Ċeka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019², partikolarment l-Artikolu 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord tal-Għażla ta' Settembru 2010 dwar il-proċess tal-għażla tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura fir-Repubblika Ċeka,

Billi:

Filwaqt li qies li l-kriterji msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE intlaħqu kollha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Plzeň hija maħtura bħala “Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2015” fir-Repubblika Ċeka.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fIl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi [...],

Għall-Kunsill
Il-President

² ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.